**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża

NV (K.I. XXX)

vs

WG (K.I. XXX) u AG (K.I. XXX)

**Rikors Ġuramentat ta' NV (K.I. XXX);**

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma,

1. Illi l-esponenti, li hu bennej, wettaq xogħolijiet ta' kostruzzjoni fil-fond magħruf bħala "XYZ" fi Triq il-XX, XX u dan fuq inkariku tal-intimati;

2. Illi l-Perit XX XX li kien inkarigat mix-xogħolijiet, kejjel u ħareġ il-kont tiegħu li jinsab anness u mmarkat Dok. "A" minn fejn jirriżulta li l-mittenti wettaq xogħolijiet fil-proprjeta tal-intimati li jammontaw għal €X oltre għal nofs il-valur ta' xogħolijiet li saru fi proprjeta komuni tal-intimati u ta' terzi bħala parti mill-istess xogħolijiet u li jammontaw għal €X u li kwindi flimkien jagħmlu €X oltre l-VAT fuq tali somma li jammonta għal €X li flimkien jammontaw għal €X;

3. Illi l-intimati għamlu diversi pagamenti akkont li flimkien jammontaw għal €X biex b'hekk jifdal bilanċ ta' €X;

4. Illi inoltre, wara arrenġament bejn l-esponenti u l-intimati, l-intimati stallaw sistema tal-alarm ġewwa r-residenza tal-mittenti liema sistema għandha valur ta' XX euro (€X), liema ammont l-esponenti permezz ta' ittra tal-XX XX XX propona li titħallas permezz ta' tpaċċija għal dan l-ammont dovut. Madankollu issa l-intimati qed jgħidu li tali xogħol sar minn XXX Ltd u għalhekk l-esponenti għadda għall-pagament minkejja li hu ċar li dan hu maniġġ ieħor *da parti* tal-intimati sabiex jevitaw l-obbligi tagħhom;

5. Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati sabiex jħallsu dan l-ammont permezz ta' att ġudizzjarju, l-intimati xorta waħda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;

6. Illi nhar l-XX XX XX l-esponenti preżenta mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet fuq premessi bin numru XX/XXX liema mandat nħareg kontestwalment ma' ittra uffiċjali fl-ismijiet fuq premessi maħruġa *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 numru XX/XX (Dok. "B"). Jiġi rilevat li l-intimati wieġbu għal din l-ittra uffiċċjali b'mod ġeneriku u ma taw ebda raġuni valida għalfejn il-ħlas mhuwiex dovut;

7. Illi jsegwi għalhekk li sal-lum hemm bilanċ pendenti mill-intimati a favur tal-esponenti li jammonta għal XXX ewro u XX ċenteżmu (€XX);

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-intimati għandhom jiġu kkundannati jħallsu l-ammont ta' XX ewro u XX ċenteżmu (€X) liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ta' appalt;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħgobha:

1. Tiddikjara li l-esponenti wettaq appalt ossia xoghol ta' kostruzzjoni fuq struzzjonijiet tal-intimati;

2. Tikkundanna lil-intimati jħalsu l-ammont ta' XX ewro u XX ċenteżmu (€X), liema debitu jirrapreżenta bilanċ ta' prezz ta' appalt ossia xogħolijiet ta' kostruzzjoni li wettaq il-mittenti fuq struzzjonijiet tal-intimati;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali numru XX/XX (Dok. "B") fl-istess ismijiet u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentati fl-XX XX XX u bl-imgħax mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-intimati li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Iana Said

PL Jean Pierre Busuttil

Mittenti: 38, Triq XXX, Siġġiewi
Intimat: 10, Triq XXX, Ħ'Attard

**NOTIFIKI SEPARATI**

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

NV (K.I. XXXM)

vs

WG (K.I. XXX)
u AG (K.I. XXX)

**Lista ta' Xhieda**

L-attur għall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex jixhed dwar il-fatti u l-mertu tal-kawża;

Impjegati jew persuni oħra li flimkien mal-esponenti wetqu x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni fil-beni tal-konvenuti inklużi MC, GC u MV;

Il-Perit XX XX li kien inkarigat mix-xogħolijiet kejjel u li ħareġ kont li sussegwentament wassal għal-mertu ta' din il-kawża, għall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex jixhed dwar il-prestazzjonijiet professjonali li ġew reżi u persuni ohra li kienu responsabbli mix-xogholijiet de quo;

Rapprezentant tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jixhed dwar ix-xogholijiet li saru u l-permessi li nhargu;

Direttur Qrati u Tribunali Ċivili sabiex jippreżenta kopji legali tal-atti ġudizzjarji li jirrigwardaw il-partijiet;

Siehba tal-konvenuti li zvluppaw bini adjagenti ghal dak tal-konvenunti bl-opera tal-esponenti;

Il-konvenuti sabiex jixhdu in subizzjoni u għall-konferma tal-fatti.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Iana Said

PL Jean Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

NV (K.I. 29284M)

vs

WG (K.I. 19384M) u AG (K.I. 19198M)

**Lista ta' Dokumenti**

Dok. A Kopja tal-kont maħruġ mill-Perit XX XX;

Dok. B Kopja tal-Ittra Ufficjali ai termini ta' 166A numru XX/XXX.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Iana Said

PL Jean Pierre Busuttil